MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Numru 795/2006

Il-Pulizija
(Sp Stephen Gatt)
vs
Kenneth Bonnici, iben Domenic,
imwieled l-Awstralja fis-16 ta'
marzu, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fil-11 ta' lulju, 2006 għal ħabta tal-4.30 p.m. ġewwa tas-Sliema kkometta serq ta' mobile tad-ditta Samsung liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ffejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' novembru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' novembru, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li r-refurtiva ġiet ritornata lil sidha.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammisjjoni bikrija u il-fedina penali netta ta' l-imputat. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------